MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Numru 9/2008

ATT TA' AKKUZA Numru: 9/2008

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA

vs

ANTHONY BUGEJA

OMISSIS

**Illum 2 ta' Lulju, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza pprezentata fil-konfront tal-akkuzat Anthony Bugeja, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 479367M flimkien ma' Omissis akkuzati talli:

Wara li l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta illi:

Illi fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, tal-elfejn u hamsa (2005) f'xi hin filghodu, Anthony Bugeja cempel lil Albert Brian Rosso biex jmur hdejn d-dar tieghu Marsaxlokk, fejn kien hemm ukoll Omissis, biex jiddiskutu xi problemi li kellhom dwar in-negozju li kellhom dwar l-iskuna tas-sajd Desiree li kienet porprieta ta' Rosso u Bugeja u li fuqha kien jahdem Omissis. Illi d-diskussjoni marret hazin u f'mument minnhom Anthony Bugeja u Omissis iddecidew li jsolvu l-problema billi joqtlu lil Albert Brian Rosso. Illi Anthony Bugeja mar gab arma tan-nar u spara diversi tiri lejn Rosso bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghedlu hajtu f'periklu car, u dana fil-presenza u bi ftehim ma' Omissis. Illi fil-fatt, konsegwenza ta' dan l-agir Albert Brian Rosso miet.

Illi b'ghemilu l-isemmi Anthony Bugeja sar hati t'omicidju volontarju u cioe talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt u l-imsemmi Omissis sar hati ta' komplicita' fl-istess omicidju volontarju u cioe talli xjentement ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Anthony Bugeja hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed l-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt u l-imsemmi Omissis sar hati ta' komplicita' fl-istess omicidju volontarju u cioe talli xjentement ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew

jikkompensah; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomorhom skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 42(d) u (e), 43, 211(l)(2), u 533 tal -Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Wara li l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta illi:

Illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal Akkuza u cioe` fl-10 ta' Ottubru 2005, Marsaxlokk filghodu, Anthony Bugeja fil-presenza u bi ftehim ma' Omissis spara arma tan-nar illegalment u qatel lil Albert Brian Rosso.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Anthony Bugeja sar hati talli fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna kellhu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari u dan ghal ebda ghan legittimu u b'ghemilu l-imsemmi Omissis sar hati ta' komplicita' f'dan ir-reat billi b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Anthony Bugeja hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellhom fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari u b'ghemilu l-imsemmi Omissis sar hati ta' komplicita' f'dan ir-reat billi b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u fl-Artikolu 42(d) u (e) u 43 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Wara li l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta illi:

Illi fl-10 (ghaxra) ta' Ottubru, tal-elfejn u hamsa (2005) f'xi hin filghodu, Anthony Bugeja cempel lil Albert Brian Rosso biex jmur hdejn d-dar tieghu Marsaxlokk, fejn kien hemm ukoll Omissis, biex jiddiskutu xi problemi li kellhom dwar in-negozju li kellhom dwar l-iskuna tas-sajd Desiree li kienet proprjeta` ta' Rosso u Bugeja u li fuqha kien jahdem Omissis. Illi d-diskussjoni marret hazin u f'mument minnhom Anthony Bugeja u Omissis iddecidew li jsolvu l-problema billi joqtlu lil Albert Brian Rosso. Illi Anthony Bugeja mar gab arma tan-nar u spara diversi tiri lejn Rosso bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghedlu hajtu f'periklu car, u dana fil-presenza u bi ftehim ma' Omissis. Illi fil-fatt, konsegwenza ta' dan l-agir Albert Brian Rosso miet. Illi malli miet, huma dahhlu l-katavru go xkora u haduh hdejn luzzu li fuqhu ghabbew xi knatan li rabtu mal-katavru u hargu il-barra fuq il-bahar hdejn il-Freeport Marsaxlokk, fejn irmew il-gisem mejjet ta' Albert Brian Rosso u dan bl-intenzjoni li jahbu id-delitt ta' omicidju.

Illi b' ghemilhom huma saru hatja talli xjentement hbew l-katavru ta' presuna li mietet b'delitt

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Anthony Bugeja u Omissis hatja talli xjentement hbew l-katavru ta' persuna li mietet b'delitt; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn erba' xhur sa sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 239 u 533 tal -Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet maghmula mill-akkuzat Anthony Bugeja u pprezentata fit-3 ta' Dicembru, 2008 fejn gie eccepit illi:

1. Illi qedha tinghata eccezzjoni fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali u cioe' li l-fatti hekk kif migjuba l-quddiem mill-Avukat Generali kemm fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuza ma jemergux minn fatti izda biss huma kollu frott tal-immaginazzjoni tal-ko-akuzat tal-esponenti. Fid-dawl ta' dan ghalhekk, l-att ta' akkuza 9 tas-sena 2008 huwa mibni fuq zball.

Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(b) tal-Kodici Kriminali limitatament ghal zball fl-Att ta' Akkuza u s-subartikolu (g) rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

2. Illi l-artikoli tal-ligi msemmija fil-kapi ta' l-Att ta' Akkuza ma humiex miktuba skond ma jiddisponi l-artikolu 589(d) tal-Kodici Kriminali, stante li l-Avukat Generali ghazel li jikkowota l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali f'kull fejn semma' skond il-ligi l-artikoli rilevanti applikabbli ghal kull Kap b'mod partikoli. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(b) tal-Kodici Kriminali limitatament ghal zball fl-Att ta' Akkuza u subartikolu (g) rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

3. Illi l-fatti kif rapportati fil-parti narrattiva ta' kull Kap tal-Att ta' Akkuza, jilliedu d-drittijiet kostituzzjoali tal-imputat u li ghal dan il-ghan qieghed jintalab li ssir referenza lill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali sabiex jinghata r-rimedju opportun.

4. Illi d-decizjoni tal-Avukat Generali li jaghzel min fl-opinjoni tieghu huwa l-awtur u min huwa l-komplici f'kull wiehed mill-Kapi tal-Att ta' Akkuza, hija decizjoni li tilliedi d-drittijiet tal-esponenti stante li din id-decizjoni tal-Avukat Generali mhux tali ma hijiex mibnija fuq provi ammissibli kontra u/jew favur l-esponenti, izda hija decizjoni li ma tistax tinftiehem kif intlahqet u li bhal rimedju ghal din id-decizjoni qieghed jintalab li jinghata permess sabiex fi zmien sitt xhur mill-jum tan-notifika bl-att ta' akkuza (hekk kif emendat), l-esponenti jkun jista' jintavola l-proceduri relattivi ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' Anthony Bugeja pprezentata fl-4 ta' Gunju, 2014 li biha irtira l-eccezzjonijiet numru 1, 3 u 4.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-ufficcjal prosekutur;

Ikkunsidrat:

B'din l-eccezzjoni l-akkuzat Anthony Bugeja qieghed jitlob in-nullità tal-att tal-akkuza peress illi l-artikoli kif citati qieghdin jirreferu ghall-artikolu 42 tal-komplicità u l-Avukat Generali iccita s-sub artikolu D u E fil-konfront ta' Bugeja kif ukoll D. Bartolo. Jghid li bil-korrezzjoni illi saret mill-Avukat Generali u awtorizzata mill-Qorti l-akkuzat Anthony Bugeja gie illi hu addebitat li kien l-awtur tar-reat izda bl-artikolu tal-ligi citati qed jigi abbinat ukoll bil-komplicità. Ghalhekk l-Avukat Generali kellu jiddeciedi jekk Anthony Bugeja kienx awtur jew inkella komplici. L-akkuzat argumenta illi l-parti narrattiva u l-artikolu tal-ligi ma jaqblux.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi bl-inkluzjoni tas-sub artikoli fuq imsemmija hemm xi nullità tal-att tal-akkuza u dan il ghaliex ir-rizultanzi tal-provi waqt il-guri jistghu jwasslu lill-akkuzat Bugeja kemm bhala awtur tad-delitt kif ukoll bhala komplici u minkejja li jkun mixli bhala awtur, gurija tista' dejjem issibu minflok hati ta' komplici. Ta' min jirrileva illi f'dan il-kaz il-piena hija l-istess u mhux l-ewwel darba illi persuna akkuzata bhala awtur tispicca illi tigi misjuba hatja bhala komplici (ara Repubblika ta' Malta versus Ganni Attard). Ukoll il-kopja tal-att tal-akkuza li tigi moghtija lill-gurati ma jkunx fiha l-artikoli tal-ligi u lanqas il-piena. Kwindi ghal dan il-kaz billi hemm imsemmija dawn l-artikoli ma taghmilx differenza ghall-gurati illi jkunu se jiddeciedu dwar il-fatt u mhux dwar il-ligi. Huwa biss fl-ahhar illi l-gurati jistghu jigu indirizzati biex isibu htija fuq komplicità jekk mhux awtur. Però dan zgur illi m'hemmx nullità tal-att ta' akkuza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad din it-tieni eccezzjoni u peress illi ma hemmx kwistjonijiet ohra x'jigu decizi tordna illi l-kawza tmur sine die tistenna l-ezitu taghha biex tinstema' bhala guri

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------